# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Lulju, 2024.**

**Numru 1**

**Rikors numru 88/21/2 TA**

**Ivan Azzopardi u martu Jennifer Anne Azzopardi għal kull interess li jista' jkollha**

**v.**

**Alfred Sciberras, Mapfre Middlesea plc (C5553) u England Insurance Agency Limited għal kull interess li jista' jkollhom**

**Il-Qorti:**

1. Din hija kawża dwar danni *ex delicto* b'konsegwenza ta' ħabta bejn żewġ vetturi li seħħet fit-8 ta' Mejju 2019.

2. L-atturi talbu lill-Qorti:

(1). Tiddikjara lill-konvenuti jew minn minnhom, responsabbli għad-danni u spejjeż batuti mill-attur b'konsegwenza tal-inċident li seħħ nhar it-8 ta' Mejju tas-sena 2019 u ċjoè kolliżżjoni bejnu li kien qiegħed isuq il-mutur tal-marka Yamaha X Max 300 u l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BAA028 tal-marka Daewoo Racer, misjuqa minn Alfred Sciberras.

(2). Tillikwida d-danni.

(3). Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallas id-danni.

3. B'sentenza tal-5 ta' Diċembru 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili:

- Illiberat lil England Insurance Agency Limited mill-osservanza tal-ġudizzju.

- Laqgħet l-ewwel talba fil-konfront tal-konvenuti l-oħrajn.

- Laqgħet it-tieni talba u llikwidat id-danni fis-somma ta' €92,033.75 bl-imgħax.

- Laqgħet it-tielet talba u kkundannat lill-konvenuti Alfred Sciberras u Mapfre Middlesea Agency Limited iħallsu s-somma hekk likwidata.

4. Il-konvenuti Alfred Sciberras u Mapfre Middlesea plc appellaw mis-sentenza. Id-doljanza tagħhom hija illi ma jaqblux mal-Ewwel Qorti dwar:

(1) Il-multiplikand li użat.

(2) Il-kumpens li tat għall-ħsara lill-integrità tal-persuna tal-attur.

**L-ewwel aggravju: Il-multiplikand**

5. L-appellanti ma jaqblux mal-Ewwel Qorti fejn din applikat multiplikand ta' 12-il sena wara li qieset li l-vittma huwa negozjant; li qabel l-inċident kien b'saħħtu u għalhekk kien previst li jibqa' jaħdem sal-età ta' sebgħin (70) sena u mhux sal-età statutorja tal-irtirar.

6. Din il-Qorti tapprezza r-raġunament tal-Ewwel Qorti, iżda ma tistax tasal għall-istess konklużjoni li waslet għaliha, u dan għaliex:

(1) Is-sitwazzjoni tal-attur mhix waħda eċċezzjonali. Illum il-ġurnata, l-età statutorja tal-irtirar għoliet minħabba li n-nies qegħdin jgħixu iktar u jibqgħu iktar b'saħħithom. Hemm min - mhux biss fost in-negozjanti imma anke fost il-ħaddiema-impjegati - li jagħżlu li jkomplu jaħdmu wara l-età tal-irtirar. Hemm min ikompli jaħdem fultajm. Hemm min jaħdem partajm. Uħud jibqgħu fuq l-istess post tax-xogħol u oħrajn

isibu xogħol ieħor.

(2) Tassew li l-intenzjoni tal-attur – u din il-Qorti ma tarax għalfejn m'għandhiex toqgħod fuq il-kelma tiegħu – hija li jibqa' jaħdem lil hinn mill-età statutorja tal-irtirar. B'danakollu, kif inhu sewwa magħruf, fejn *si tratta* tal-*lucrum cessans* wieħed ikun qiegħed ibassar il-futur li minnu nnifsu huwa inċert għall-aħħar u soġġett għaċ-*changes* u ċ-*chances* tal-ħajja. Dan għaliex il-ħajja tista' tibqa' għaddejja l-istess; tista' tieħu żvolta għall-aħjar u tista' tieħu svolta għall-agħar. Il-bniedem jiproponi, iżda Alla jiddisponi.

(3) Għalhekk l-iktar mod ta' min joqgħod fuqu kif jinħadem il-multiplikand huwa li tittieħed bħala riga mhux il-qagħda soġġettiva tal-vittma, imma l-età statutorja tal-irtirar li hija mfassla mil-leġiżlatur bħala n-norma għal kulħadd. Dan anke biex ikun hemm uniformità fis-sentenzi, u mhux arbitrarjetà.

7. Dan l-aggravju qiegħed jiġi milqugħ u għalhekk din il-Qorti sejra taddotta l-multiplikand ta' sitta (x6).

**It-tieni aggravju: Kumpens għad-dannu extra-pekunjarju.**

8. L-Ewwel Qorti akkordat €7,000 għall-integrità tal-persuna wara li

rraġunat hekk:

> "**23.** Imma apparti dan kollu, hemm ċertu aspett fil-persuna, li ma jistax ikunu kkumpensati bi flus. Persuna li ssofri inċident bħal dak li għadda minnu l-Attur qatt ma tista' tkun ripristinata għall-istat li kienet fih qabel. Mill- provi jirrisulta ċar li l-Attur ma baqax igawdi mill-kwalita' ta' ħajja li kellu qabel l-inċident. Il-prinċipju li jiggwida lil dawn il-Qrati huwa dak li titqiegħed lill-persuna kemm jista' jkun fl-istat li kien fih qabel l-inċident. B'dana kollu jirrisulta li l-Attur ser ikompli ikun afflitt minn uġiegħ, il-ħajja familjari tiegħu nbidlet u ma jistax ikompli jeżerċita l-isport favorit tiegħu. Dawn kollha huma aspetti fil-ħajja tal-persuna li għandhom jittieħdu għal skopijiet ta' integrita' mhux biss fiżika iżda anke ta' sodisfazzjon li toffri l-ħajja."

9. L-appellanti jilmentaw li dak li akkordat il-Qorti kien dannu morali taħt isem differenti. Il-liġi takkorda dannu morali biss fil-każ ta' reati kkontemplati fil-*proviso* għall-Art. 1045 – li hawnhekk mhuwiex il-każ. Għalhekk, ikomplu jsostnu, il-Qorti "qagħdet fuq arbitrarjetà assoluta u ttentat li toħloq il-liġi a skapitu tal-appellanti".[1]

10. L-appellati jwieġbu li d-danni li għandhom jittieħdu in kunsiderazzjoni mhumiex biss dawk relatati mal-ħajja tax-xogħol imma wkoll minn aspett ta' tgawdija tal-ħajja in ġenerali bħal passatempi, ħin mal-familja u parteċipazzjoni fi gruppi soċjali.

**Ikkunsidrat:**

11. La fid-dottrina, la fil-ġurisprudenza u lanqas fid-diversi leġiżlazzjonijiet ma hemm tifsira preċiża tal-kliem "danni morali".

[1] Para 14 tar-Rikors tal-Appell.

12. Għal xi kittieba Franċiżi l-"*préjudice moral*" (bħala dak li mhuwiex *préjudice matériel*) huwa "*celui qui atteint le monde immatériel, incorporel, des pensées et des sentiments.*"[2] B'danakollu, l-istess kittieba jammettu li n-nozzjoni ta' dannu morali tinħtieġ iktar approfondiment. Uħud minnhom jgħidu li "*préjudice moral*" jirreferi għal *"celui qui ne se traduit point par une perte en argent, parce qu'il porte atteinte* ***à un droit extrapatrimonial***."[3]

13. Fi Franza, mhux kull dannu extra-patrimonjali huwa meqjus l-istess. Għalhekk insibu diversi kategoriji bħall-*pretium doloris* (tbatija psikoloġika), *préjudice esthétique* (sfreġju) u *préjudice d'agrément* (ċaħda mill-pjaċiri tal-ħajja).[4]

14. Fi kliem il-kittieb Ingliż Munkman:

> "Moral damage" is generally understood to encompass the pain suffered by the victim or the victim's family for crimes or torts against the life, health, honesty, integrity or emotional well-being of the victim and is generally difficult to calculate in monetary terms.[5]

---

[2] 4. Henri Mazeaud, Jean Mazeaud, Leon MAZEAUD & Francois Chabas, 2:1 Lecons de Droit Civil: Obligations, Theorie Generale 422 (9th ed., Montchrestien, 1998).
[3] *Id*. Enfażi miżjuda.

[4] Ara Genevieve Viney & Patrice Jourdain, Traite de Droit Civil, Les Conditions de la Responsabilite 39-66 (3RD ED., 2006).
5. John Munkman, Damages for Personal Injuries and Death, 62 (1938).

15. L-istess awtur ikompli jfisser id-dannu morali bħala:

> "pain and suffering, both physical and mental; loss of the pleasures of life; actual shortening of[6] life; and at least in some cases, mere discomfort and inconvenience."

16. Fl-Italja:

> "In passato la nozione di danno non patrimoniale era ristretta alla figura tradizionale del danno morale, inteso come sofferenza psichica o patema d'animo. Si parla al riguardo di danno morale soggettivo. L'area del danno non patrimoniale si e` poi estesa in quanto al danno morale soggettivo di e` aggiunta la figura del danno alla persona, consistente nella lesione degli interessi essenziali della persona costituzionalmente tutelati.[7]"

17. Skont Art. 1031 tal-Kodiċi Ċivili tagħna, li qiegħed fil-parti fejn jiġu ttrattati d-delitti u l-kawżi delitti:

> "**wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.**"

18. Din id-dispożizzjoni hija meħuda mill-Art.1382 l-antik tal-*Code Napoleon* li kien jaqra hekk:

> *"Tout fait quelconque de l'homme, qui cause a` autrui un dommage, oblige celui par la faute duquel il est arrive`, a` le reparer.*[8]"

19. Skont uħud, il-fatt li d-dannu "morali" mhuwiex imsemmi direttament fit-*travaux préparatoires* tal-kodiċi Franċiż jista' jfisser li l-awturi tiegħu kellhom f'moħħom id-danni materjali biss. B'danakollu, Mazeaud-Tunc

---

[6] ibid.

[7] C Massimo Bianca, Diritto Civile Vol V La Responsabilita`, it-Tieni Edizzjoni (2012) paġna 189.

[8] Imħassar b'effett mill-01.10.2016 u sostitwit bl-Art. 1241 il-ġdid li hu identiku għall-Art. 1382 antik.

isostnu li la ma kienx hemm esklużjoni espressa tad-danni morali, wieħed jista' jistrieħ fuq l-aċċettazzjoni tagħha mil-liġi ta' qabel il-kodiċi. Anke Pothier innifsu – meqjus bħala missier il-kodiċi ċivili Franċiż - li jingħad li ddistakka mid-dottrina ta' Ġustinjanu - iddefenixxa d-delitt b'mod wiesa' biżżejjed biex jinkludi d-dannu morali.[9]

20. Għalhekk, qari tal-Art. 1031 waħdu għandu jwassal għall-inklużjoni tad-dannu morali. B'danakollu, Dingli **żied dispożizzjonijiet oħrajn** li ma jinstabux fil-Kodiċi Ċivili Franċiż iżda kienu jinstabu fil-Kodiċi Ċivili Awstijak. Maġemb l-Art. 751 tal-Ordinanza kiteb: "*Austr. 1293, 1323 a 1325 con modif.*"[10]

21. L-Art. 751 tal-Ordinanza (issa Art. 1045(1) tal-Kodiċi Ċivili) kien jaqra hekk:

> "*Il danno che dev' essere risarcito da colui il quale lo abbia recato senza dolo, consiste nella* ***perdita reale*** *che il fatto abbia direttamente cagionato al danneggiato; nelle* ***spese*** *che questo abbia in consequenza del danno dovuto fare; e, se il danneggiato e` una persona che lavora per salario o altro pagamento, nella* ***perdita ancora di tale guadagno****.*"

22. L-Art. 1325 tal-kodiċi ċivili Awstrijak (tradott għall-Ingliż) kien jaqra hekk:

> *"A person who harms another person bodily shall bear the expenses of the cure of the person injured, compensate him for lost profits, or*

[9] 21. ROBERT JOSEPH POTHIER, 1:1 TRAITÉ DES OBLIGATIONS §2, 158 (1761).

[10] 48. *See* Giuseppe Fenech v. Vincenzo Pace, Court of Appeal (Civil 1937) (*per* A. Mercieca, Rob. F. Ganado & E. Ganado).

> *where the injured person is made incapable of earning a livelihood for the lost future gains,* ***and moreover pay him at his request a compensation for his suffering,*** *in accordance with the particular circumstances of the case.*"

23. Dingli ħalla barra l-kliem bil-korsiv.

Fis-sena 2010, il-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern ippropona li jitressaq fil-Parlament abbozz ta' liġi biex isiru emendi fil-liġi dwar id-danni ċivili. F'dan l-abbozz kien hemm proposta għas-sostituzzjoni tal-Art. 1045; li kien jinkludi para (e) tas-subartiklu 1 li fid-danni kien jinkludi "(t-)telf mhux pekunjarju minħabba diżabilità permanenti, totali jew parzjali, li l-att seta' ikkawża". Din il-proposta qatt ma ssarfet f'liġi.

24. Fis-sena 2018, il-leġiżlatur żied dan il-*proviso* għall-Art.1045(1) *proviso*:

> "Iżda fil-każ ta' danni li jkunu kawżati minn **reat kriminali, li ma jkunx reat involontarju**, u biss fil-każ ta' delitti li jaffettwaw id-dinjità tal-persuni taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali u ta' delitti volontarji kontra l-persuna li jkunu soġġetti għal piena ta' mill-inqas tliet snin priġunerija… id-dannu li jrid jiġi riparat **għandu jinkludi wkoll il-ħsara morali u, jew psikoloġika** kkawżati lir-rikorrent.[11]"

25. Hemm diversi liġijiet speċjali li jirrikonoxxu l-ħsara "morali".[12]

26. Bil-kelmiet "*perdita reale*" dawn il-Qrati ġeneralment fehmu telf

[11] Att XXXII.2018.15.
[12] Fil-każ ta' ksur tad-drittijiet fundamentali; il-liġi dwar il-konsumatur (Kap 378); l-att dwar l-istampa (Kap 248); il-liġi dwar il-wegħda ta' żwieġ (Kap 5), l-att dwar proprjetà intellettwali (Kap 488), l-att dwar il-Whistleblower (Art. 7(3)(a) tal-Kap 527).

ekonomiku u xejn iżjed.

27. Għal xi żmien, il-Qrati Taljani ukoll kienu ħadu din il-pożizzjoni.

28. It-tradizzjoni Rumana ma kienet tagħti l-ebda kumpens għall-persuna għax il-persuna umana m'għandhiex prezz. Anke d-dottrina Taljana segwiet dan il-prinċipju. Il-leġiżlatur Taljan introduċa eċċezzjoni fil-każ ta' reati wara emendi fil-kodiċi penali – l-istess bħalma għamel il-leġiżlatur Malti meta żied il-*proviso* għall-Art. 1045(1) tal-Kodiċi Ċivili.

29. Fis-sena 1986, il-Qorti Kostituzzjonali Taljana[13] qalbet dan l-orjentament:

> "*Posta dinanzi al problema della legittimita` costituzionale della norma sul danno morale (2059c.c.)[14] in quanto preclusiva del risarcimento del danno biologico, la Corte rispondeva negativamente assumendo che la norma, rettamente interpretata, non esclude la normale risarcibilita` delle menomazioni della persona. Tali menomazioni, affermava,* ***costituiscono lesioni materiali del bene-persona****,* <u>*distinte rispetto ai danni morali*</u>*, ċjoè alle sofferenze morali, cui solamente andrebbe applicata la regola della irrisarcibilita`*.[15]"

30. Interessanti li l-Qorti Kostituzzjonali Taljana ħallet il-kunċett ta' ħsara morali mill-ħsara lill-persuna. Il-ħsara morali fis-sens strett tal-kelma tingħata biss fil-każ ta' ċerti reati volontarji (kemm f'Malta kif ukoll fl-Italja). Il-ħsara għal mankament fil-persuna mhijix, dejjem skont l-istess Qorti,

---

[13] Sentenza n.184 tal-14.07.1986.
[14] Art. 2059 tal-kodiċi ċivili Taljan (1942) jaqra hekk: **Danni non patrimoniali.** Il danno non patrimoniale deve essere risarcito solo nei casi determinati dalla legge.
[15] C Massimo Bianca, Diritto Civile Vol V La Responsabilita`it-Tieni Edizzjoni (2012) paġna 196, 197.

ħsara morali imma ksur materjali tal-ġid li huwa l-persuna (*lesioni materiali del bene-persona*). Il-kliem "*perdita reale*" fl-Art. 751 tal-Ordinanza huwa sinonimu għal-"*lesioni materiali*".

31. Interessanti dak li qalet din il-Qorti, diversament komposta, fil-kawża **Andrew Brincat v. Tabib Ewlieni tal-Gvern** 27.10.2021:

> "28. Huwa interessanti illi fl-Italia l-kunċett ta' danni morali żviluppa, qabel bidla fil-liġi tagħha, mill-istitut ta' obbligazzjoni naturali, li jeżisti anke fil-liġi Maltija. Fil-ktieb tagħha "*L'Obbligazione naturale. Evoluzione normative e prassi giurisprudenziale*" (Edit. Giuffre' 2000) ta' **Maria Antonia Ciocia**, hija spjegat kif dan l-iżvillup seħħ u qalet hekk:
>
> > *"La problematica del risarcimento del danno non patrimoniale rappresenta un caso di evoluzione dell'obbligazione naturale particolarmente interessante. La dinamica che ha consentito la trasformazione in obbligazione civile e' stata iniziata e completata esclusivamente attraverso interventi giurisprudenziali, senza che si rendesse necessario il ricorso al legislatore.*
> >
> > *Il dovere morale di compensare forme di danni, altrimenti irrisarcibili, per effetto delle istanze costituzionali di tutela della persona e' stato progressivamente identificato dalla giurisprudenza come dovere sociale idoneo, in quanto tale, a ricevere tutela e disciplina nelle forme del diritto soggettivo.*
> >
> > *Il riconoscimento del diritto al risarcimento di fattispecie di danno alla persona, indipendentemente dalla menomazione della capacita' reddituale, e' una conquista recente".*
>
> 29. din il-ġurista tkompli tispjega fid-dettal kif il-qrati Taljani żviluppaw il-ħsieb u kif waslu li jagħtu danni mhux patrimonjali billi taw effett ċivili lill-obbligazzjoni naturali ta' min jikkawża dannu lil ħaddiehor biex jirreintegra lill-vittma, kemm jista' jkun, fis-sitwazzjoni li kien qabel ma seħħ l-incident. Huwa risaput li obbligazzjoni naturali torbot anke meta dak li jkun ma jkollux għarfien ta' tali obbligazzjoni (ara **Parascandolo v. Lanzon** deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' April, 1925)."

32. F'materja kuntrattwali, l-Art. 1125 tal-Kodiċi Ċivili jgħid skjettament li:

> **"Kull min jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat għad-danni."**

33. Filwaqt li Art. 1135 jgħid hekk:

> "**… id-danni li għandhom jitħallsu lill-kreditur huma, b'mod ġenerali, għat-telf li jkun bata; u l-qligħ li jkun ġie mtellef.**"

34. Art. 1125 ma jagħmel l-ebda limitu għat-tip ta' danni li jistgħu jiskattaw minn ksur ta' kundizzjoni kuntrattwali; Art. 1135 ma jagħmel l-ebda definizzjoni ta' "telf".

35. **F'materja kuntrattwali**, din il-Qorti, diversament komposta, f'sentenza riċenti aċċettat id-dannu "morali" jew aħjar extra-patrimonjali bħala parti mil-liġi tagħna. Din il-Qorti, diversament komposta, fil-kawża **Andrew Brincat v. Tabib Ewlieni tal-Gvern** li ngħatat fis-27.10.2021 qalet hekk:

> "30. Effettivament ingħataw mill-qrati taghna danni morali f'kuntest kuntrattwali fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-31 ta' Mejju, 2019, fil-kawza fl- ismijiet **Edward Darmanin et v. Korporazzjoni Enemalta**, fejn ingħad:
>
> > *"27. Bla ma tidħol fil-kwistjoni jekk, ukoll qabel l-emendi mdaħħla bl-Att XIII tal-2018 u, wara, bl-Att XXXII tal-2018, jistgħux jingħataw danni morali f'azzjoni akwiljana, fil-każ tallum l-azzjoni hija dwar dritt ex contractu – mill-ftehim kollettiv – u għalhekk ma hemm xejn li jżomm lill-qorti milli tagħti danni morali."*
>
> Applikati l-istess prinċipji għall-każ in ezami, fejn it-telf imġarrab mill-atturi huwa konsegwenza ta' nuqqasijiet imputabbli lill-konvenuti appellati, naxxenti minn rapport kuntrattwali (u mhux biss akwiljani) **din il-Qorti tqis li jkun ġust u ekwu li f'dan il-każ ukoll jingħataw id-danni morali** lill-atturi bħala parti mir-rimedju għal dik il-hsara li ġarrbu… Huwa ovvju li l-iżball li seħħ kawża tan-nuqqasijiet fis-sistema tas-saħħa pubblika kif kienet dak iż-żmien, wassal għal sofferenza u tbatija lill-atturi li <u>ġarrbu t-telfa ta' ħajja tat-tieni wild tagħhom</u>, li jmorru lil hinn minn danni reali. Il-Qorti tifhem li meta l-appellanti ġarrbu t-telf ta' tarbija, dan kellu effett devastanti fuq il-ħajja taghhom, mhux biss f'dak il-perjodu li kienu għaddejjin minn dak it-taqlib kollu… **li timmerita kumpens ulterjuri, jiġifieri dak morali, magħrufa wkoll bħala danni mhux patrimonjali.** Għal dawn ir-

> raġunijiet, din il-Qorti tqis li jkun xieraq li tillikwida *arbitrio boni viri* favur iż-żewġ atturi appellanti s-somma ulterjuri ta' **€20,000 bħala danni morali**."

36. Interessanti li l-istess Qorti ħasset il-ħtieġa li tiċċita dan il-bran mis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-14 ta' Diċembru, 2015, fil-kawża fl-ismijiet **Jane Agius v. Avukat Ġenerali** fejn ġiet saħqet dwar il-ħtieġa li kemm jista' jkun, il-liġi tingħata interpretazzjoni wiesa' sabiex tkun konformi mal-Kostituzzjoni u mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem:

> "17. Qabel ma tqis il-meritu tal-aggravju l-Qorti sejra tagħmel xi osservazzjonijiet ta' natura ġenerali dwar id-danni non-pekunjarji taħt il-liġi ordinarja.
>
> 18. Qabel xejn għandu jingħad illi l-Art. 1045 u 1046 tal-Kodiċi Ċivili, li fuqhom huwa msejjes l-argument illi ma jingħatawx danni non-pekunjarji taħt il-liġi ordinarja, għax dawk l-artikoli jaħsbu biss għal *damnum emergens* u *lucrum cessans*, jinsabu fit-tieni Sub-sub-titolu (§II) tas-Sub-titolu tnejn (II) tat-Titolu erbgħa (IV) tat-tieni (II) Taqsima tat-tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili: Fuq id-Delitti u Kważi-delitti. Għalhekk jolqtu biss id-danni *ex delicto* u mhux dawk minn għejjun oħra ta' obbligazzjonijiet.
> 19. Issa fil-każ tallum Carlos Chetcuti **kien taħt il-kustodja tad-Direttur tal-Ħabs** u għalhekk ir-relazzjoni bejniethom aktar għandha min-natura ta' relazzjoni kuntrattwali jew, għall-inqas, billi ma kinitx kunsenswali, *ex lege*, milli relazzjoni ex lege aquilia. Għalhekk, is-saħħa tal-argument imsejjes fuq l-Art. 1045 u 1046 jonqos ħafna.
>
> 20. Tassew illi, bi ftit eċċezzjonijiet, il-ġurisprudenza tgħid illi l-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili ma jagħtux danni non-pekunjarji jew morali.
>
> **Dan ma hux għax hemm dispożizzjoni tal-liġi positiva li espressament tivvjeta d-danni morali** iżda għax il-qrati, influwenzati x'aktarx mis-sentiment *favor debitoris*, adottaw interpretazzjoni x'aktarx stretta u riġida tal-Art. 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Madankollu, il-liġi ċivili ma għandhiex tiġi interpretata *in vacuo* bħallikieku fl-interpretazzjoni tal-liġi ċivili l-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili ma għandhomx iqisu wkoll il-prinċipji kostituzzjonali u d-drittijiet fondamentali. Tassew illi, fejn hemm konflitt irrikonċiljabbli bejn il-liġi ċivili u dik kostituzzjonali jew il-Konvenzjoni, huma l-qrati ta' ġurisidizzjoni kostituzzjonali li għandhom is-setgħa li jgħidu illi dik id-dispożizzjoni tal-liġi ċivili għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla

> effett bejn il-partijiet fil-kawża. **Fejn, iżda, hija possibbli "interpretazzjoni konformi"** mal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni, il-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili għandhom, bla ma b'hekk ikunu qegħdin jużurpaw setgħat li ma humiex tagħhom, jinterpretaw il-liġi ċivili ordinarja b'mod "konformi" mal-Kostituzzjoni u mal-Konvenzjoni flok jagħżlu interpretazzjoni li toħloq konflitt u hekk joħolqu sitwazzjoni anti-kostituzzjonali li tista' tiġi rimedjata biss wara kawża kostituzzjonali u jqiegħdu wkoll lill-istat Malti fi stat ta' ksur tal-obbligi Internazzjonali tiegħu taħt il-Konvenzjoni"

37. Għalhekk il-Qorti, għalkemm kienet qiegħda titratta danni li ġejjin minn ksur ta' kuntratt, stqarret, anke jekk obiter, li m'hemm xejn fil-liġi li espressament jeskludi d-danni extra-patrimonjali fil-każ ta' delitti u kważi-delitti, u tefgħet l-imbekkata li anke f'materja delittwali l-interpretazzjoni riġida tal-Qrati għandha tiġi mrattba. Din il-Qorti, diversament komposta, iktar kmieni din is-sena reġgħet ikkonfermat li "m'hemm xejn fil-liġi tagħna li jwaqqaf lill-Qrati milli jagħtu danni morali bħala kumpens għal ksur ta' obbligazzjonijiet kuntrattwali".

38. Hekk għamlet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **Linda Busuttil v. Josie Muscat.** F'din il-kawża, ġie stabbilit li l-konvenut tabib Josie Muscat kellu responsabilità kuntrattwali, filwaqt li l-addetta tiegħu, il-konvenuta Tanya Spiteri, kellha responsabilità delittwali. L-Ewwel Qorti qalet hekk:

> "60. L-attriċi ġarrbet ħsara f'ġisimha u, minħabba f'hekk, ukoll fil-psike tagħha. L-integrità psiko-fiżika tal-persuna hija valur imħares kemm mill- Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad- Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u kif ukoll mill-Karta tad- Drittijiet Fondamentali tal-Unjoni Ewropea ["il-

> Karta"], li fl-art. 3 – "Id-dritt għall- integrità tal-persuna" – para. 1 tgħid hekk: "Kull persuna għandha d-dritt għar- rispett tal-integrità fiżika u mentali tagħha.". Din il-Karta, skond l-art. 6 tat- Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, "għandha jkollha l-istess valur legali bħat- Trattati", u għalhekk il-qrati maltin, għalkemm il-Karta nfisha japplikawha direttament biss "meta jkunu [qegħdin] jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni", huma marbuta illi jinterpretaw il-liġijiet ta' Malta b'mod konformi.

39. Il-Prim'Awla (f'para 61) iċċitat Art. 1033 tal-Kodiċi Ċivili mbagħad kompliet tirraġuna li:

> "62. Fid-dawl ta' dak li għidna fuq dwar l-interpretazzjoni konformi, **il-"ħsara li tiġri" ma tistax aktar tiġi interpretata bħallikieku tfisser biss ħsara patrimonjali iżda għandha tiġbor il-ħsara kollha, ukoll dik mhux patrimonjali bħal ma hija l-ħsara lill-ġisem meta tolqot l-integrità fiżika tal-persuna**. L-istess għandu jingħad għat-"telf effettiv" imsemmi fl-art. 1045(1) tal-Kodiċi Ċivili. Wara kollox, u wkoll bla ma nqisu dak li tgħid il-Karta, **il-liġi tad-delitti ċivili ta' pajjiż ewropew tas-Seklu XXI ma tistax tkompli tħalli bla rimedju lil min iġarrab ħsara fil-valuri fondamentali tal-ħajja.** L-attriċi, bi ħtija tal-konvenuti, ġarrbet ħsara fl-integrità tal-persuna tagħha u għalhekk il-konvenuti huma obbligati għall-ħlas ta' din il-ħsara, kif igħid u jrid l-art. 1033 tal-Kodiċi Ċivili moqri fid-dawl tal-art. 3.1 tal- Karta."

40. Is-sentenza ġiet appellata. Din il-Qorti, diversament komposta, ma qablitx li taħt il-liġi Maltija jista' jingħata kumpens għal danni extra-patrimonjali:

> "**Fejn ma taqbilx** din il-Qorti mal-Ewwel Qorti hu fejn qalet li l-attrici ma ppruvatx danni patrimonjali bhala lucrum cessans, u minflok **illikwidat kumpens li qisithom danni mhux patrimonjali, li ma jirriżultax li, fl-isfond tal-liġi Maltija, jistgħu jinghataw.** Il-liġi ta' Malta, fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili, jaghti kumpens, taħt dan il-kamp, għal telf ta' qliegħ futur, u ma jidhirx li l-karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja, li japplika biss fil-kuntest ta' *cross-border interests,* jista' jiġi invokat f'oqsma li ma jaqgħux fil-kompetenza tal- Unjoni, bħalma huwa d-dritt għad-danni ċivili.
>
> Dan ma jfissirx li l-attrici m'ghandhiex dritt ghad-danni konsegwenza tal-fatt li, skont l-esperti ġudizzjarji, qed issofri minn diżabilità permanenti ta' 3%. Il-fatt li hi mara tad-dar ma jtellifx milli tiġi

kumpensata għat-telf ta' introjtu fil-futur.[16]"

41. Fis-sentenza riċentissima ta' **Vladyslava Kravchencko v. Kevin Micallef** 26.02.2024 din il-Qorti, diversament komposta, reġgħet għal darb'oħra rriġettat l-għoti ta' danni "morali jew mhux patrimonjali":

> "63. Din il-Qorti hija ben konsapevoli tal-ġurisprudenza konfliġġenti li teżisti dwar din il-materja ta' danni morali jew mhux patrimonjali, madankollu hija ser tkun konsistenti ma' dak li ngħad minnha fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Ottubru, 2020, fil-kawża fl-ismijiet **Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et**, li filwaqt li sejset il-fehma tagħha fuq il-ġurisprudenza hemm ċitata spjegat li:
>
> > "...din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-appellant illi fil-ligi Maltija m'hemm l-ebda xkiel ghall-ghoti ta' kumpens morali jew mhux patrimonjali. Il-mod ta' kif jitqiesu d-danni huwa espressament regolat permezz tal-artikolu 1045 tal-Kodici Civili
> >
> > ...
> >
> > Fil-fehma ta' din il-Qorti huwa ċar illi l-Qorti hija prekluża milli takkorda danni morali peress illi l-liġi espressament tipprovdi illi d-danni illi l-Qorti tista' takkorda huwa dak għat-telf effettiv, l-ispejjeż inkorsi minħabba l- ħsara, it-telf tal-paga jew qliegħ ieħor u t-telf ta' qliegħ futur."
>
> Dan ovvjament ingħad b'rabta mal-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili, qabel l- emendi tas-sena 2018.
>
> 64. Isegwi li minkejja li din il-Qorti tifhem illi l-appellanti Kravchenko għaddiet u għadha għaddejja minn tbatija konsegwenza ta' dan l-inċident, li kellu effett devastanti fuq kull aspett tal-ħajja tagħha, u mhux biss fuq l- aspett patrimonjali u allura tissimpatizza magħha, madankollu, din il-Qorti hija marbuta li timxi mal-provvedimenti tal-liġi. Għaldaqstant dan l-aggravju tal-attriċi appellanti għall-ħlas tad-danni morali jew mhux patrimonjali ma jistax jiġi milqugħ."

42. L-aqwa ġuriskonsulti tagħna jqisu li l-liġi Maltija ma teskludix id-danni morali. Fin-noti klassiċi tal-Professur V. Caruana Galizia, anke wara li ġew riveduti mill-Professur J.M. Ganado, insibu miktub hekk:

"[***D]amage may refer either to the person or to the property***, *and*

[16] Deċiża fis-27 ta' Ġunju 2014 minn din il-Qorti kolleġjalment komposta.

> *according to the prevailing doctrine, which is based on the juridical traditions of Roman law which included defamation among private delicts, **the damage may also be moral**. This principle has been implicitly recognised by the judgment delivered by the Court of Appeal in re Cini v. Townsley, on, the 10th November, 1909.*[17]"

## Konklużjonijiet ta' din il-Qorti

43. Huwa ċar li l-liġi Maltija ma tagħmel l-ebda projbizzjoni espressa għall-għoti tad-danni extra-pekunjarji, l-anqas fil-każ tad-danni akwiljani. Artiklu 1031 tal-Kodiċi Ċivili huwa mmudellat fuq Art. 1382 tal-Kodiċi ta' Napuljun. Fih, il-kelma "***dommage***" mhix definita jew limitata u għalhekk il-Qrati Franċiżi interpretawh bħala li tinkludi d-danni morali. Il-Kodiċi Ċivili Taljan tal-1865, kellu dispożizzjoni simili għal, u misluta minn, dik tal-Kodiċi Franċiż; b'danakollu l-Qrati Taljani marru fid-direzzjoni opposta u eskludew id-danni morali. Pożizzjoni li ġiet ikkonsagrata espliċitament fil-Kodiċi Ċivili tal-1942, sakemm fil-1986 ġiet maqluba b'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali Taljana.

44. Adrian Dingli, *conditor* tal-Kodiċi Ċivili, ħa pożizzjoni ferm kawta, spikkatament *favor debitoris.* Mal-Art. 1031, żied l-Art. 751 (illum Art, 1045(1)) mislut mill-Kodiċi Ċivili Awstrijak (Art. 1325), li kien jinkludi espliċitament id-danni "morali" iżda ċċensura l-parti fejn issir din it-tismija.

[17] Victor Caruana Galizia, Notes on Civil Law (J.M. Ganado ed. 1978).

L-Art 751 ġie nterpretat minn dawn il-Qrati – b'xi eċċezzjonijiet - bħala esklużjoni tad-danni extra-patrimonjali.

45. B'danakollu Dingli ma wasalx biex jeskludi **espliċitament** id-danni extra-patrimonjali – kif jagħmel il-Kodiċi Ċivili Taljan viġenti.

46. Għalkemm kien hemm argumenti qawwija favur l-interpretazzjoni tal-liġi tagħna b'mod li tinkludi d-danni extra-patrimonjali fil-każ ta' ħsara *ex delicto,* tneħħi xi każi solitarji, l-orjentament ġurisprudenzjali tagħna kien jeskludi l-għoti tad-danni mhux patrimonjali. B'danakollu, l-argument *favor debitoris* ħa daqqa mortali fis-sena 2018 biż-żieda tal-proviżo għall-Art. 1045(1) li jgħid, wara t-tismija tax-xorta tal-ħsarat li jistgħu jingħataw, li "**iżda**" fil-każ ta' danni kawżati minn ċerti reati kriminali hemm speċifikati, li ma jkunux reati involontarji, id-dannu "**għandu jinkludi wkoll il-ħsara morali u, jew psikoloġika**". Mela jekk l-għoti ta' danni extra-pekunjarji hija eċċezzjoni, *a contrariu sensu* r-regola hi li dawn it-tip ta' danni ma jingħatawx. Din hija argumentazzjoni djalettika ta' tip analoġiku li jikkonsisti fis-silta ta' konsegwenzi kuntrarji minn ipotesi opposti. Huwa ċar li permezz ta' dan il-proviżo, il-leġiżlatur qiegħed joħloq eċċezzjoni għar-regola. Fi kliem id-*Digesto Italiano*:

> "*Quando la legge stabilisce una regola che deroga ai principi generali, in tale ipotesi e` legittimo di argomentare che nei casi non contemplati debbano invece applicarsi i principi generali contrari alla regola*

> *stessa, <u>exceptio firmat regulam in casibus non exceptis.</u> Molti anzi restringono l'argomento <u>a contrario</u> a questa sola ipotesi.*[18]"

47. M'hemmx dubbju li l-leġiżlatur segwa r-regola stabbilita mill-ġurisprudenza ewlenija li ma jistax jingħata kumpens għal danni extra-pekunjarji, u għamel eċċezzjoni speċifika għaliha fil-każ ta' ċerti reati kriminali.

48. Għalhekk, it-tieni aggravju jistħoqqlu li jiġi milqugħ.

**L-Appell Incidentali: is-sistema tal-*weighted average***

49. L-atturi interponew appell inċidentali, bl-aggravju li ma qablux mal-Ewwel Qorti fejn iddeċidiet fuq persentaġġ ta' 15% wara li applikat il-*weighted average*. Jippretendu li minflok tapplika dan il-metodu li s-soltu jiġi applikat minn dawn il-Qrati, l-Ewwel Qorti kellha sempliċiment tgħodd flimkien ir-rati ta' diżabilità mogħtija mit-tobba għal organi u/jew aspetti oħra partikolari tal-persuna.

50. Din il-Qorti tqis li filwaqt li ċertament is-sistema tal-*weighted average* mhix waħda perfetta, b'danakollu tqarreb, b'mod prattiku u mhux ikkumplikat iżżejjed, is-sewwa qrib il-likk. Hija sistema immirata biex tikseb riżultat ekwitattiv. Titlaq mid-diversi persentaġġi ta' debilitajiet

[18] Il Digesto Italiano Vol XIII Parte II, (1901-1904) Interpretazione delle Leggi para 25, paġna 87.

partikolari u tasal għal debilità ħolistika tal-persuna. Il-metodu novell issuġġerit mill-atturi jista' jwassal għal rati ta' debilità li ma jirriflettux ir-realtà u saħansitra għall-assurdità ta' debilità ta' iktar minn 100%.

51. L-appell inċidentali m'għandu xejn mis-sewwa.

52. *In vista* tas-suespost, id-danni sejrin jiġu riveduti kif ġej:

€56,000 (salarju fis-sena) x 6 snin x 15% debilità- 18% tnaqqis ta' *lump sum* = €41,328.

53. Billi fid-9 ta' Ottubru 2023 il-konvenuti iddepożitaw is-somma ta' €43,705 li setgħu jiġu irtirati mill-attur mingħajr preġudizzju għall-appell tiegħu, din il-Qorti sejra takkorda mgħax fuq €41,328 bejn id-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti u d-data tan-notifika taċ-ċedola tad-depożitu.

***Decide***

54. Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda tiċħad l-appell inċidentali, tiċħad it-tieni aggravju tal-appellanti, tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellanti(1) u konsegwentement tvarja s-sentenza tal-Ewwel Qorti billi tillikwida l-ammont fis-somma ta' wieħed u erbgħin elf, tlett mija u tmienja u għoxrin Ewro (€41,328) bl-imgħax bejn id-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti u d-

data tan-notifika taċ-ċedola tad-depożitu u mill-bqija tikkonfermaha.

55. Spejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi mill-Ewwel Qorti. Spejjeż tal-appell prinċipali nofs bin-nofs bejn il-partijiet(2). Spejjeż tal-appell inċidentali a kariku tal-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
Da

Korrezzjoni awtorizzata b'digriet tat-2 ta' Settembru 2024
(1) Fil-paragrafu 54 minflok il-kliem "tiċħad it-tieni aggravju tal-appellanti, tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellanti" jidħlu l-kliem "tilqa' l-appell tal-appellanti".
(2) Fil-paragrafu 54 minflok il-kliem "Spejjeż tal-appell prinċipali nofs bin-nofs bejn il-partijiet" jidħlu l-kliem "Spejjeż tal-appell prinċipali jbatuhom l-appellati".

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur